MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tas-6 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 461/2012

**Lewis u Carmela konjuġi Caruana**
**K.I. 166056(M) u K.I. 627958(M)**

**vs.**

**Joseph u Pawlina konjuġi Delia**
**K.I. 758056(M) u K.I. 682858(M)**

It-Tribunal

**Preliminari**

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-3 ta' Lulju 2012, li permezz tiegħu l-atturi talbu l-ħlas mingħand il-konvenuti tas-somma ta' elf erba' mija u disgħin Ewro (€1490) rappreżentanti somma flus debitament imħallsa mill-atturi lill-konvenut Joseph Delia, liema somma hija relatata ma' xogħol għal bieb tal-injam, liema xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa.

Ra r-**Risposta tal-konvenuti** ppreżentata fis-27 ta’ Settembru 2012, fejn huma eċċepew:

> Illi t-talba attriċi qiegħda tiġi kkontestat stante illi hija nfondata fil-fatt, fid-dritt u għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż stante illi l-ammont mitlub mhux dovut lill-attriċi;
>
> Bl-ispejjeż.

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Sema’ x-xhieda.

Ra l-verbal tat-12 ta’ Marzu 2014, illi permezz tiegħu il-kawża ġiet imħollija għas-seduta odjerna għas-sentenza.

**Provi**

Semgħa lill-attur **Lewis Caruana** jixhed dwar kif kien ordna bieb tal-injam mingħand il-konvenut tal-qies disa’ piedi bi tnax-il pied, liema bieb kellu jiswa l-ekwivalenti ta’ Lm600. S’hawnhekk hemm qbil bejn il-partijiet.

Id-disgwid huwa dwar il-kwalita tal-bieb li l-attur jgħid li kellu jkun tal-aħmar, iżda ma sarx hekk. Qal li kien talbu jagħmel ċappetti antiki iżda l-konvenut għamillu ċappetti żgħar ħafna li skont huwa ma kienux adegwati u li huma tal-gallinari tal-fniek.

Dwar il-flus, l-attur jgħid li ħallas €800 bħala depożitu mal-ordni tal-bieb u €690 qabel ma tlesta l-bieb u qabel ma twaħħal il-bieb.

L-attur qal li meta l-konvenut waħħal il-bieb, kien urieh li m’għoġbux u kien talbu biex jiżbgħu, iżda l-konvenut baqa’ ma marx jiżbgħu u għalhekk saret il-kawża odjerna.

L-attur esebixxa dokument li skont huwa kien il-ftehim ta’ bejn il-partijiet.

It-Tribunal sema wkoll lill-**konvenut** jixhed, fejn dana sostna li kien huwa stess li ssuġġerixxa lill-attur li ċ-ċappetti jkunu minn dawk antiki peress li l-bieb kien ġej miftuħ fuq erba’ bibien, biex maż-żmien ma jiddendilx, iżda kien infurmah li jekk ried juża tali ċappetti, dawna weħidhom kienu jiswew ma’ Lm350, u għalhekk il-bieb kien ser jiswa iktar mis-Lm600 li xtaq jonfoq l-attur.

Dwar il-materjal tal-bieb, il-konvenut stqarr li l-attur kien xtaq li l-bieb ikun tal-aħmar iżda huwa kien ikkonvinċieh biex jagħmlu tal-iSwedish Pine u dana peress li dan it-tip ta' njam ma kienx jinfetaħ u ma kien jiġrilu xejn. L-attur kien ikkuntenta li l-bieb isir tal-iSwedish Pine.

Rigward iż-żebgħa tal-istess bieb, il-konvenut xehed li l-ftehim ta' bejn il-partijiet kien li huwa kellu jixkatla l-bieb u jistokkjah, imma l-attur kellu jkomplih hu.

Dwar il-pagament, il-konvenut xehed li meta huwa poġġa l-bieb f'postu, l-attur minn jeddu kien ħallas il-bilanċ tal-prezz. Kien biss xi sentejn u nofs wara li wasallu l-ilment dwar il-kwalita' tal-bieb u ċ-ċappetti u dana meta kien ġie avviċinat mid-Dipartiment tal-Konsumatur.

Semgħa wkoll ix-xhieda ta' **Franklin Delia**, iben il-konvenut, li jaħdem miegħu fil-workshop ta' mastrudaxxa.

**Konsiderazzjonijiet**

It-Tribunal għandu diffikulta biex jistabilixxi eżattament dak miftiehem bejn il-partijiet u dana stante li x-xhieda ma qablux bejniethom u l-"ftehim" bil-miktub iktar iħawwad milli jiċċara l-affarijiet. Fil-fatt, dwar id-dokument immarkat LC6 it-Tribunal għandu riżervi dwar l-awtentiċita tiegħu, anke peress illi l-prezz indikat ta' Lm600, ġie koreġut għal Lm480. Inoltre l-figuri indikati bl-Ewro ma jaqblux mal-figuri msemmija fix-xhieda tal-partijiet bil-Lira Maltija. Fil-fatt, minkejja li hemm qbil li l-bieb kellu jiswa Lm600, l-attur ħallas is-somma ta' €1490 li huwa iktar minn Lm600.

Minkejja dan kollu, jirriżulta li sal-lum, diversi snin wara, il-bieb għadu f'postu u ma giet ippruvata ebda ħsara attwali fuqu. L-ilment dejjem kien li potenzjalment tista' tiġrilu ħsara, iżda ma nġiebet ebda prova li effettivament il-bieb sofra xi ħsarat jew li ma baqax tajjeb għall-użu tiegħu.

Jirriżulta wkoll li l-bieb għadu fil-pussess tal-atturi u li għalhekk ċertament m'hemmx lok ta' rimbors tal-prezz sħiħ tal-bieb, kif qed jippretendu l-atturi.

Jirriżulta iżda li l-bieb ma kienx tal-kwalita pattwita u dana għaliex it-Tribunal huwa tal-fehma li meta ftehmu dwar "Firrolli ta' Malta", il-partijiet kienu qegħdin jitkellmu dwar il-firrolli l-kbar bħal ma huwa indikat fir-ritratti prodotti mill-attur u mhux il-firolli żgħar li gew effettivament fornuti mal-bieb.

Hija wkoll il-fehma tat-Tribunal li l-bieb kellu jigi llostrat mill-konvenut, li bl-esperjenza tiegħu fix-xogħol tal-injam, ma kellux jipprovdi bieb mingħajr xi tip ta' lostru jew żebgħa. Jekk kien il-klijent li xtaq dan, l-oneru tal-prova qegħda fuq il-konvenut li

jipprova li l-attur talbu biex jiżvija minn dak li huwa skont l-arti u s-sengħa – prova li fil-fehma tat-Tribunal ma nġiebitx suffiċjentement.

It-Tribunal lanqas ma jaqbel mal-argument tal-konvenut li kien hemm l-aċċettazzjoni tax-xogħol peress li meta tlesta x-xogħol sar il-pagament għas-saldu u dan għaliex, l-attur jikkontradixxi dan billi jsostni li huwa kien diga ħallas il-prezz kollu qabel ma tpoġġa l-bieb, stante pressjoni għall-ħlas min-naħa tal-konvenut.

Dwar il-materjal tal-bieb, it-Tribunal qiegħed jaċċetta dak sostnut mill-konvenut li l-attur kien, wara li ftehmu li l-bieb isir tal-aħmar, aċċetta li jkun aħjar jekk il-bieb isir tal-pine. Jekk ma kienx il-każ li sar dan il-ftehim ulterjuri, l-attur kien imissu waqqaf lill-konvenut milli jinstalla l-bieb għal kollox, għax allura xejn ma kien ikun skond il-ftehim.

In vista ta' dan kollu suespost, it-tribunal huwa tal-fehma li filwaqt li ċertament li m'hemmx lok ta' rimbors tal-ammont sħiħ mitlub mill-atturi, hemm lok ta' kumpens favur l-atturi għall-fatt li l-bieb ma sarx għal kollox skont il-ftehim. It-Tribunal huwa tal-fehma li kumpens ta' ħames mitt Ewro jkun suffiċjenti biex ipatti għan-nuqqasijiet riskontrati fil-bieb.
.

**Deċide**

Għar-ragunijiet suesposti, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċedi dan il-każ billi jilqa' t-talba attriċi limitatament għas-somma ta' ħames mitt Ewro (€500) u konsegwentement qiegħed jordna lill-konvenuti jħallsu lill-atturi s-somma ta' ħames mitt Ewro, bl-imgħax dekorribbli mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------